



ID-DĦUL TAL-UNJONI

Il-baġit tal-UE huwa ffinanzjat kważi kollu (99 %) minn riżorsi proprji. Id-dħul annwali jrid ikopri kompletament in-nefqa annwali. Is-sistema tar-riżorsi proprji tiġi deċiża mill-Kunsill fuq bażi ta' unanimità, wara li tiġi kkunsidrata l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, u jeħtieġ li tiġi rratifikata mill-Istati Membri.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

- L-Artikoli 311 u 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 106a u 171 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea^[1], ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 608/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 li jstabilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea^[2], u r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti^[3]. Wara r-ratifika tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, dawn l-atti legali daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2016, u japplikaw b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2014.

L-OBJETTIV

Biex l-Unjoni Ewropea jkollha awtonomija finanzjarja fil-limiti tad-dixxiplina baġitarja.

L-OPERAT

Filwaqt li l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) ingħatat ir-riżorsi proprji tagħha mill-bidu, il-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) inizjalment ġew iffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri. Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-21 ta' April 1970 tat lill-KEE r-riżorsi proprji tagħha. Ir-riżorsi proprji li jkopru l-appropriazzjonijiet ta' pagament annwali huma attwalment limitati għal massimu ta' 1,20 % tal-introjt nazzjonali gross (ING) tal-

[1] [ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.](#)

[2] [ĠU L 168, 7.6.2014, p. 29.](#)

[3] [ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39.](#)



UE^[4]. Peress li l-baġit irid dejjem jibbilanċja, in-nefqa wkoll hija ristretta b'dan il-limitu (1.4.3). Fil-prattika, il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020 (1.4.3) jiffissa l-limitu ta' nefqa f'livell ekwivalenti għal madwar 1 % tal-ING tal-UE.

GĦAMLA TAD-DĦUL

1. Ir-riżorsi proprji "tradizzjonali"

Dawn jikkonsistu f'dazji doganali, dazji agrikoli u imposti fuq iz-zokkor u l-isoglukosju. Inħolqu bid-Deċiżjoni tal-1970 u ilhom jinġabru minn dakinhar. Il-perċentwal li jista' jinżamm mill-Istati Membri biex ikopri l-ispejjeż tal-ġbir tnaqqas minn 25 % għal 20 %. Ir-riżorsi proprji "tradizzjonali" issa ġeneralment jirrappreżentaw ftit aktar minn 10 % tad-dħul tar-riżorsi proprji^[5].

2. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT

Din attwalment tikkonsisti fi trasferiment ta' perċentwal tal-istima tal-VAT miġbura mill-Istati Membri għall-Unjoni. Għalkemm kienet prevista fid-Deċiżjoni tal-1970, din ir-riżorsa ma ġietx applikata sakemm is-sistemi tal-VAT tal-Istati Membri ġew armonizzati fl-1979. Ir-riżorsa tal-VAT issa tammonta għal perċentwal tad-dħul mir-riżorsi proprji simili għal dak tar-riżorsi proprji "tradizzjonali".

3. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING

Din ir-riżorsa proprja tikkonsisti f'perċentwal uniformi ta' imposta fuq l-ING tal-Istati Membri stipulat fil-proċedura baġitarja ta' kull sena, u kienet inħolqot bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/376/KEE. Oriġinarjament kellha tinġabar biss jekk ir-riżorsi proprji l-oħra ma jkunux koprew in-nefqa kollha, iżda issa tiffinanzja l-parti l-kbira tal-baġit tal-UE. Ir-riżorsa bbażata fuq l-ING ittriplat mill-aħħar tad-disgħinijiet, u issa ġeneralment tirrappreżenta madwar 72 % tad-dħul tar-riżorsi proprji.

4. Dħul ieħor u l-bilanċ riportat mis-sena preċedenti

Dħul ieħor jinkludi t-taxxi mħallsa mill-persunal tal-UE fuq is-salarji tagħhom, il-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi li mhumiex fl-UE għal ċerti programmi tal-UE, u l-multi mħallsa minn kumpaniji li jiksru l-liġijiet dwar il-kompetizzjoni jew liġijiet oħra. F'każ ta' surplus, il-bilanċ minn kull sena finanzjarja jiddaħħal fil-baġit għas-sena ta' wara bħala dħul. Dħul ieħor, bilanċi u aġġustamenti tekniċi ġeneralment jammontaw għal inqas minn 10 % tad-dħul totali.

5. Mekkaniżmi ta' korrezzjoni

Is-sistema attwali tar-riżorsi proprji hija maħsuba wkoll biex tikkoreġi l-iżbilanċi baġitarji bejn il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri. Ir-"rifużjoni tar-Renju Unit" miftiehma fl-1984 tikkonsisti fi tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit ekwivalenti għal żewġ terzi tad-differenza bejn il-kontribuzzjoni tiegħu (minbarra r-riżorsi proprji tradizzjonali) u d-dħul li jirċievi lura mill-baġit. Din ir-rifużjoni ġiet aġġustata fl-2007 sabiex in-nefqa mhux agrikola fl-Istati Membri li ssieħbu mal-UE wara l-2004 tiġi gradwalment eskluża mill-kalkolu. Din il-korrezzjoni hija ffinanzjata f'partijiet ugwali mill-Istati Membri l-oħra

[4]Aġġustament tekniċu tal-qafas finanzjarju għall-2020 f'konformità maċ-ċaqliq fl-ING (ESA 2010), COM(2019) 0310, 15.5.2019.

[5]Il-Kontijiet Annwali Kkonsolidati tal-Unjoni Ewropea – Sena finanzjarja 2019.



kollha, minbarra l-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja, li jibbenefikaw minn tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-finanzjament tar-rifużjoni tar-Renju Unit. Il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja bbenefikaw ukoll minn tnaqqis fir-rata tal-ġbir tal-VAT għall-perjodu 2007-2013, u n-Netherlands u l-Iżvezja bbenefikaw minn tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tal-ING tagħhom għall-istess perjodu.

Is-sitwazzjoni attwali hija li l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni eżistenti għar-Renju Unit u l-finanzjament tiegħu jibqgħu fis-seħħ, flimkien mar-rati mnaqqsa ta' ġbir tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT għall-perjodu 2014-2020 għall-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja (0,15 %). Il-mekkaniżmi ta' korrezzjoni bħalissa jinkludu wkoll tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali tal-ING għall-perjodu 2014-2020 għad-Danimarka (EUR 130 miljun), in-Netherlands (EUR 695 miljun) u l-Iżvezja (EUR 185 miljun), u għall-perjodu 2014-2016 għall-Awstrija (EUR 30 miljun fl-2014, EUR 20 miljun fl-2015 u EUR 10 miljun fl-2016).

LEJN IR-RIFORMA TAR-RIŻORSI PROPRJI TAL-UE

It-Trattat ta' Lisbona afferma li l-baġit għandu jkun iffinanzjat kollu kemm hu minn riżorsi proprji, u żamm is-setgħa tal-Kunsill li, wara konsultazzjoni mal-Parlament, jadotta unanimament deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni^[6]. Introduċa l-possibbiltà li jiġu stabbiliti kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji u li jitneħħew dawk eżistenti. Stabbilixxa wkoll il-fatt li l-Kunsill jista' jadotta biss il-miżuri ta' implimentazzjoni għal dawn id-deċiżjonijiet jekk ikun kiseb il-kunsens tal-Parlament.

Fl-2014 inħoloq grupp ta' livell għoli biex iwettaq rieżami ġenerali tas-sistema tar-riżorsi proprji fi djalogu mal-parlamenti nazzjonali. Il-grupp kien magħmul minn rappreżentanti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u kien ippresedut minn Mario Monti. Dan il-grupp, imsejjaħ il-Grupp Monti, ġie stabbilit b'riżultat tal-insistenza tal-Parlament waqt in-negozjati dwar il-QFP għall-2014-2020.

Il-grupp ippreżenta r-rapport finali tiegħu f'Jannar 2017. Għal sentejn, irrifletta fuq aktar modi trasparenti, sempliċi, ġusti u demokratikament responsabbli sabiex jiġi ffinanzjat il-baġit Ewropew. Il-konklużjoni ewlenija kienet li l-baġit tal-UE jeħtieġ riforma, kemm mill-aspett tad-dħul kif ukoll mill-aspett tan-nefqa, sabiex ikun jista' jindirizza l-isfidi attwali u jikseb riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini Ewropej.

Fid-Dokument ta' Riflessjoni tagħha dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE, ippreżentat f'Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat f'ames xenarji u l-implikazzjonijiet tagħhom għad-dħul.

Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni għamlet proposti biex tissimplifika r-riżorsa proprja attwali bbażata fuq il-VAT u biex tintroduċi ġabra ta' riżorsi proprji ġodda magħmula minn:

- 20 % tad-dħul mill-Iskema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet;
- rata ta' ġbir applikata ta' 3 % għall-Bażi Komuni Konsolidata l-ġdida għat-Taxxa Korporattiva (li għandha tiddaħħal gradwalment ladarba tkun ġiet adottata l-leġislazzjoni meħtieġa);

[6]Kull deċiżjoni bħal din tkun teħtieġ li tiġi rratifikata mill-Istati Membri.



- kontribuzzjoni nazzjonali kkalkulata fuq l-ammont ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat f'kull Stat Membru (EUR 0,80 għal kull kilo).

Il-Kummissjoni stmat li dawn ir-riżorsi proprji ġodda jammontaw għal madwar 12 % tat-total tal-baġit tal-UE u jistgħu jikkontribwixxu sa EUR 22 biljun fis-sena għad-dñul.

Il-Kummissjoni pproponiet li telimina gradwalment ir-rifużjonijiet attwali fuq perjodu ta' ħames snin u wara dan telimina kull rifużjoni, u li tnaqqas is-sehem ta' dñul doganali li l-Istati Membri jżommu sabiex ikopru l-ispejjeż tal-ġbir minn 20 % għal 10 %. Ipproponiet ukoll żieda fil-limitu fuq sejħiet annwali għar-riżorsi proprji mil-livell attwali ta' 1,20 % tal-ING tal-UE għal 1,29 % sabiex jitqies ING totali iżgħar tal-UE-27, użu akbar ta' strumenti garantiti kontra l-baġit tal-UE, u proposta biex jiġi integrat il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-UE.

IL-FEHMIET TAL-PARLAMENT EWROPEW

F'għadd ta' riżoluzzjonijiet matul l-aħħar ftit snin (eż: dwar [is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej](#) tas-17 ta' Diċembru 2014), il-Parlament enfasizza l-problemi bis-sistema tar-riżorsi proprji, partikolarment fir-rigward tal-kumplessità eċċessiva tiegħu. Huwa ressaq proposti li jiżguraw li l-Unjoni tkun finanzjarjament indipendenti u appoġġja riformi li jagħmlu l-ġbir tal-flus aktar sempliċi, aktar trasparenti u aktar demokratiku.

Abbażi tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament talab ripetutament biex issir riforma approfondita tas-sistema tar-riżorsi proprji, pereżempju fir-[riżoluzzjoni tiegħu dwar in-negozjati dwar il-QFP 2014-2020](#) tal-15 ta' April 2014.

Fir-[riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji](#) tas-16 ta' April 2014, il-Parlament enfasizza l-importanza tal-Grupp Monti, u saħaq li, fost żvantaġġi serji oħra, is-sistema attwali tal-finanzjament tal-Unjoni ma ppermettietx li jkun hemm maġġoranza fil-Kunsill mill-ibbaġitjar għal livell suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġits annwali biex jippermettu lill-UE tissodisfa l-obbligi legali u l-impenji politiċi tagħha.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 bit-titolu "[\[T\]hejjiġa tar-reviżjoni postelettorali tal-QFP 2014-2020: L-input tal-Parlament qabel il-proposta tal-Kummissjoni](#)", il-Parlament talab lill-Kummissjoni sabiex sa tmiem l-2017 tippreżenta pakkett leġislattiv ambizzjuż dwar ir-riżorsi proprji mill-2021, bis-sempliċità, is-sens ta' ġustizzja u t-trasparenza bħala prinċipji gwida.

Fir-[riżoluzzjoni tiegħu dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2014-2020](#) tas-26 ta' Ottubru 2016, il-Parlament reġa' saħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqas il-proporzjon tal-kontribuzzjonijiet tal-ING u għamel sejhja għar-riżorsa tal-VAT biex jew tiġi riformata sostanzjalment jew revokata kompletament. Barra minn hekk, il-Parlament talab ukoll il-ħolqien ta' riżorsa proprja ġdida jew ta' diversi minn dawn ir-riżorsi, kif ukoll l-eliminazzjoni gradwali ta' kull forma ta' rifużjoni.

Fir-[riżoluzzjoni tiegħu dwar id-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE](#) tal-24 ta' Ottubru 2017, il-Parlament tenna l-impenn tiegħu għal riforma sħiħa tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE. Saħaq li sabiex jinkisbu finanzi tal-UE aktar ġusti u aktar stabbli kull sistema ġdida għandha tinkludi ġabra bbilanċjata ta' riżorsi proprji



ġodda tal-UE mfassal biex jiġu appoġġjati l-oġġettivi tal-politika tal-UE, u għandha tiddaħnal gradwalment.

[Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar riforma tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Marzu 2018](#), il-Parlament elenka r-raġunijiet għar-riforma tas-sistema attwali tar-riżorsi proprji, inkluż il-bżonn li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tagħha, u l-fatt li l-UE tkun tista' tiffinanzja l-politiki tagħha u tissodisfa l-isfidi l-ġodda. Il-Parlament appella wkoll għal sistema aċċettabbli u bbilanċjata ta' riżorsi proprji, u ddeskriva l-prinċipji u s-suppożizzjonijiet li jirregolaw it-twaqqif ta' sistema ġdida, elenka l-kriterji użati biex jiġu identifikati r-riżorsi proprji ġodda u ppropona ġabra ta' riżorsi proprji ġodda possibbli.

[Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji tat-30 ta' Mejju 2018](#), il-Parlament laqa' l-proposti tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 dwar ir-riżorsi proprji u fakkar fil-pożizzjoni tiegħu li ma jista' jintlaħaq l-ebda qbil mal-Parlament dwar il-QFP li jmiss mingħajr ma jsiru passi korrispondenti 'l quddiem dwar ir-riżorsi proprji.

[Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 tal-14 ta' Novembru 2018](#), il-Parlament stieden lill-Kummissjoni tqis l-Opinjoni Nru 5/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u ta aktar dettalji dwar is-suġġerimenti tagħha għall-introduzzjoni ta' ġabra ta' riżorsi proprji ġodda li huma konformi mal-oġġettivi strateġiċi essenzjali tal-UE, u li jkunu fiskalment newtrali għaċ-ċittadini.

[Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji tal-10 ta' Ottubru 2019](#), il-Parlament ikkonferma l-pożizzjoni tiegħu wara l-elezzjonijiet. Appella b'mod partikolari għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, li qies bħala "mod ġust biex [l-Istati Membri] jirrispondu għad-domandi popolari favur tmexxija deċiżiva fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-kummerċ internazzjonali".

ŻVILUPPI FL-2020

Fit-28 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni pproponiet li tissellef sa EUR 750 biljun billi toħroġ bonds fis-swieq internazzjonali f'isem l-UE b'maturitajiet ta' bejn 3 u 30 sena, sabiex tiffinanzja QFP rivedut u pjan ta' rkupru u reżiljenza (għotjiet u self lill-pajjiżi tal-UE). Sabiex jiġu sostnuti l-obbligazzjonijiet imġarrba mill-UE biex eventwalment tħallas lura l-finanzjament tas-suq, il-Kummissjoni pproponiet li tgħolli l-limitu massimu tar-riżorsi proprji b'mod eċċezzjonali u temporanju b'0,6 % tal-ING tal-UE. Dan jżied maż-żieda permanenti proposta minn 1,2 % għal 1,4 % tal-ING sabiex jitqies il-kuntest ekonomiku l-ġdid. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan il-kuntest isaħħaħ il-każ għal riforma fundamentali ta' kif jiġi ffinanzjat il-baġit tal-UE. Minbarra riżorsa proprja simplifikata bbażata fuq il-VAT u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali, kif ukoll riżorsi proprji ġodda bbażati fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat, l-opzjonijiet għal riżorsi proprji ġodda jinkludu estensjoni tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet biex tinkludi s-setturi marittimi u tal-avjazzjoni, mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, riżorsa proprja bbażata fuq operazzjonijiet ta' intrapriżi kbar u taxxa diġitali fuq il-kumpaniji b'fatturat annwali globali ta' aktar minn EUR 750 miljun.



[Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, ir-riżorsi proprji u l-pjan ta' rkupru](#) tal-15 ta' Mejju 2020, il-Parlament appella għal żieda immedjata u permanenti tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji fid-dawl tat-tnaqqis antiċipat fl-ING wara r-riċessjoni kkawżata mill-kriżi, mhux biss biex jitfallsu l-interessi u r-ripagamenti prinċipali tas-self tal-UE biex jiġi ffinanzjat l-irkupru iżda wkoll sabiex jiġi ffinanzjat QFP ambizzjuż, filwaqt li jiġi enfasizzat li dan ikun meħtieġ ħalli l-kontribuzzjonijiet tal-ING tal-Istati Membri jinżammu fil-livelli nominali attwali.

[Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020](#), il-Parlament saħaq li l-ħolqien ta' riżorsi proprji ġodda biss jista' jgħin biex iħallas lura d-dejn tal-UE filwaqt li jsalva l-baġit tal-UE u jtaffi l-pressjoni fiskali fuq it-teżori nazzjonali u ċ-ċittadini tal-UE. Huwa ta wkoll struzzjonijiet lit-tim ta' negozjar tal-QFP/riżorsi proprji tiegħu biex jinneozja abbażi ta' mandat li jinkludi ġabra ta' riżorsi proprji ġodda, li għandhom jidhru fil-baġit tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u, minn dik id-data, jiġu ssupplimentati skont kalendarju vinkolanti.

Alix Delasnerie
08/2020

